Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,074, 23 ta' Ġunju, 2023
Taqsima B

A.L. 131 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Creativity and Innovation taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għat-Tfassil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut Edward de Bono għat-Tfassil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Creativity and Innovation u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Creativity and Innovation taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għat-Tfassil u l-Iżvilupp tal-Ħsieb, ippubblikati bħala Avviż Legali 80 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ġunju, 2023 'il quddiem.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti

Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Creativity and Innovation taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għall-Ħsieb Kreattiv u l-Innovazzjoni"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinamenti 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Creativity and Innovation taħt il-patroċinju tal-Istitut Edward de Bono għall-Ħsieb Kreattiv u l-Innovazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut Edward de Bono għall-Ħsieb Kreattiv u l-Innovazzjoni;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Master in Creativity and Innovation;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Creativity and Innovation;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Creativity and Innovation; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

It-Tħassir tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jitħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 10 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali

6. L-ordinamenti 10 sa 13 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 9 sa 12.